**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 8 ta' Gunju, 2021

Rikors Numru: 293/19 AL

**A B**

Vs

**Dr. Victor Bugeja u l-P.L. Veronica Rossignaud nominati b'digriet tat-18 ta' Novembru 2020 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti C D**

**(M.R. numru 3431/2014)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li  ippreżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu li ġie kkonfernat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta:

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldu żewġt itfal, u ċioe E F, li llum għandha tmintax-il sena (18) u G, li llum għandu tnax (12)-il sena, aħwa B.

2. Illi sussegwenti għat-tieni wild, l-partijiet iżżewġu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007), ġewwa l-Uffiċju tar-Reġistru ġewwa d-Distrett ta' Bang Lamung, fil-Provinċja ta' Chon Buri, t-Tajlandja.
3. Illi ż-żwieġ tagħhom fit-Tajlandja jġib in-numru ta' Reġistrazzjoni 737/308332, liema żwieġ wkoll rreġistrat f' Malta (ara Dok PC 1 anness).
4. Illi skond kuntratt redatt bejn r-rikorrenti A B u l-intimata C D debitament anness u mmarkat bħala Dok PC 2), r-rikorrenti obbliga ruġu li jivversa a favur tal-istess intimata, is-somma ta' 10,000 Thai baht fix-xahar (ekwivalenti għal mitejn u tlieta u tmenin Ewro €283) rappreżentanti manteniment għal-minuri E F B, is-somma ta' 10,000 Thai Baht fix-xahar (ekwivalenti għal mitejn u tlieta w tmenin ewro €283) rappreżentanti manteniment għal-minuri G B, bil-manteniment għal minuri wliedu jibqa pagabbli sakemm dawn isiru sui juris, jew sakemm ilestu l-għola livell ta' studji tagħhom, u is-somma ta' 20,000 Thai Baht fix-xahar (ekwivalenti għal ħames mija sitta w sittin Ewro €566) rappreżentanti manteniment għall-intimata stess, liema somma tibqa' dovuta mil-istess rikorrenti tul ħajjitha kollha.
5. Illi r-rikorrenti dejjem ħallas puntwalment il-manteniment dovut minnhu permezz ta' 'bank transfer', b'dana qatt ma naqas milli jħallas pagament wieħed (ara f' dan is-sens rendikont ta' ħlas hawn anness u mmarkat bħala Dok PC 3).
6. Illi r-rikorrenti ilu sa mis-sena elfejn u tmienja (2008) de facto sseparat minn ma' martu l-intimata, hekk kif iż-żwieġ tkissser irrimedjabbilment u sussegwentement ir-rikorrent mar jgħix separatment minn mal-intimata fis-sena elfejn u tmienja (2008);
7. Illi l-partijiet ottjenew id-divorzju f' uffiċju tar-Reġistru ġewwa d-Distrett ta' Bang Lamung, fil-provinċja ta' Chon Buri, t-Tajlandja, fis-sebgħa (7) t' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), kif jidher miċ-ċertifikat tad-Divorzju (hawn anness Dok PC 4) ingħata n-numru ta' Reġistrazzjoni 1149/20375 (ara Dok PC5 anness). Illi dan id-divorzju ġie ottjenut fit-Tajlandja skond il-liġijiet tal-pajjiż, inkluż illi dan id-divorzju jiġi ffinallizzat fil-preżenza tax-xhieda;

8. Illi permezz tal-istess divorzju, l-partijiet qasmu l-assi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għaldaqstant m'hemmx assi oħra x' jinqasmu bejn il-partijiet;
9. Illi r-rikorrenti diġa għamel tentattiv sabiex jirreġistra d-divorzju tiegħu f' Malta, liema talba iżda ġiet miċħuda mir-Reġistru Pubbliku Malti, stante li huwa ġie mgħarraf illi r-reġistru li jawtorizza d-divorzju fit-Tajlandja mhux Qorti skond ma trid il-liġi f' Malta;
10. Illi l-attur ma jafx fejn qed tirrisjedi l-intimata, u m'hemmx kuntatt bejn l-partijiet;
11. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovut;
12. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn ħdax-il (11) sena separati de facto, illum għandhom ħajja totalment separati minn xulxin;
13. Illi r-rikorrenti A B għamel affidavit (hawn anness bħala Dok PC 6) fejn jikkonferma l-fatti li jinsabu f' dan ir-rikors stante illi dan jgħix fit-Tajlandja, u x' aktarx mhux ser ikun f' pożizzjoni li jattendi seduti tal-Qorti;
14. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66A tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet, li seħħ fit-3 ta' Mejju 1996, bħala żwieġ maħlul (divorzju) għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; (Art 66A (1), Kap. 16).
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku. (ar. 66A (4), Kap. 16).

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha esponew illi ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u jirriservaw li jwieġbu ulterjorment fi stadju iehor kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta’ Novembru 2020;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2008 ottjenew id-divorzju fis-7 ta’ Ottubru, 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Takkorċja t-terminu għal-appell b’erbat ijiem.